TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 288/09

**Angelo Buttigieg**

**vs**

**Fibermar Marketing Ltd.**

Illum 23 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Ġunju, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750), rappreżentanti prezz ta' arblu tal-bandiera illi kien difettuż.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

It-Tribunal kien għadda għas-sentenza fis-27 ta' Mejju 2010 u liema sentenza ġiet appellata. Illi fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 6 ta' Ottubru 2010, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet billi akkoljiet l-ewwel aggravju ta' l-appellant u allura tas-sentenza u l-atti reġgħu ġew rinvjati u allura t-Tribunal sabiex jiddeċiedi l-kawża fl-ambitu tal-konsultazzjoni magħmula u tal-liġi.

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal qiegħed jaderixxi mas-sentenza ta' l-Appell fis-sens illi l-ismijiet issa huma korretti, fit-tieni lok, it-Tribunal kien aċċetta talba wkoll tar-rikorrenti sabiex jitqabbad espert pero' peress li għadda ħafna żmien u ma tqabbadx espert, dina ġiet irtirata. Ukoll il-partijiet ressqu xi provi u ngħataw l-opportunita' jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet fix-xhieda żejda tagħhom, ra l-ewwel sentenza ta' l-Appell u sema' l-provi kollha, u ra nota ta' sottomissjonijiet, it-Tribunal huwa konvint illi t-tort jew ossija n-nuqqasijiet kienu tar-rikorrenti, billi f'dawk il-ġranet kien hemm riħ qawwi li ġie kklasifikat bejn '*severe gale*' u '*storm*'.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet u reġa' sema' x-xhieda oħra li nġabu, jikkonkludi illi l-arblu ma kellu l-ebda difett fil-manifattura, iżda ġralu l-ħsara minħabba l-maltempata li laqtet il-gżejjer ta' Malta u Għawdex, u li r-rikorrenti ma ħa l-ebda prekawzjoni sabiex jimminimizza l-eventwali ħsara fuq l-istess arblu.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**